# PAPIET TAS-SEKLU 14

PAPA BENEDITTU XII ( 1334 – 1342)



"Intom ghaziltu hmar!" sklama Jacques Fournier meta sab li gie elett ma' l-ewwel ghazla. Imma dan il-hmar ma kien hadd hlief teologu ta' stima kbira fil-kullegg tal-kardinali. Twieled gewwa Saverdun fin-naha t'isfel ta' Franza. Sar patri Cistercens, studja t-teologija gewwa Parigi u gie mahtur isqof ta' Pamiers u aktar

tard ta' Mirfepoix.  Giovanni XXII ghazlu kardinal fis-sena 1327 u kien joqghod hafna fuq il- pariri teologici tieghu. Huwa ghazel l-isem ta' Benedittu XII.

Ghal-ewwel Benedittu qaghad jahseb jekk ghandux jirritorna lura gewwa Ruma minn fejn kellu talba urgenti biex jaghmel hekk. Imma r-Rumani kienu ghadhom ma sabux paci u Avignon kien post kwiet u ta' serhan il-mohh. Aktar milli telaq huwa beda' jibni forti kbira fil-palazz.

Minhabba li Benedittu kien patri ferventi, l-minorita' Frangiskana "spiritwali" ttamat li l-Papa l-gdid kien ser ikun favorevoli lejhom. Imma Benedittu kien ihobb hafna l-ubbidjenza u ortodoss u malajr wera' lil dawn il-patrijiet dizubbijenti li dan il-Papa patri kellu l-istess idejat bhal predecissur tieghu. Hadem hafna biex jirriforma l-ordnijiet religjuzi. Ghamel sforz biex jregga' lura lil dawk il-patrijiet li qabdu t-triq ta' l-avventura u li xejn ma kienu ta' ezempju tajjeb, lura lejn il-monasterju.

Hadem bla heda biex jnehhi l-abbuzi u jgib mill-gdid ir-regolarita' fid-djar religjuzi u fil-Qorti Rumana. Kien ta' ezempju mill-aktar haj meta kien jirrifjuta bil-qawwa biex iroxx il-gid fuq il-familjari tieghu. Tant kien ihobb il-paci li wasal biex iddikjara li ma kienx jaghmel gwerra lil minn ikun ser jahbat ghar-renju papali.

Benedittu hadem bil-kif biex jbieghed il-Gwerra ta' Mitt Sena u meta faqqet wera’ ruhu tassew imparzjali. Sfortunatament irnexxilu biss li jippostponiha ghal xi zmien.

Il-hajja monastika semplici tieghu kienet ta' zvantagg ghad-diplomazija li tant kienet mehtiega fil-hajja kumplessa ta' dak il-mument. Benedittu XXII miet fil-25 ta' April, 1342